**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**
**-vs-**
**Christoffel Schifo Diamantino, detentur tal-Karta tal-Identità numru 85472M**

*Kaz. Nru. 4389/24*

Illum, 14 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat;

Rat l-atti w id-dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

**Christopher Grech** spjega kif fil-jum li fih għamel ir-rapport kien semgħa mużika b'volum għoli ġej mill-*hostel* li tappartjeni u hi ġestita mill-imputat. Ghalkemm l-mużika kienet tindaqq anke matul il-ġurnata, l-iktar li kien jiddejjaq kien l-istorbju ġenerat matul il-lejl u s-sigħat bikrin ta' filgħodu u ċioe ħin l-irqad w il-mistrieħ.

**Malcolm Zerafa** in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority, esebixxa dokumenti li jindikaw li Marco Polo Hostel kienet liċenzjata bħala *Third Class Restaurant* u f'liema lokal ma kienx permess li tindaqq mużika.[1]

**Christoffel Schifo Diamantino** jammetti li hu kien iħalli mużika tindaqq fil-*hostel* u dan minkejja li ma kellux awtorizzazzjoni mill-Malta Tourism Authority:

> *The witness:* *I do not have other neighbours that complain. And I do not believe we are actually disturbing him. He is taking advantage of the situation, and* ***I agree I am breaking the law to a certain extent when it comes to the MTA****, I do agree because we have background music over there, background music and I do not believe –*
> *The Court:* *that was not background music. ....*
> *The witness:* *Since then, believe me, we have stopped the noise, we have stopped the noise. You can go there any time, you can take a film tomorrow, next week, or whatever. The noise does not get through that shaft.*[2]

Madanakollu mid-dokumentazzjoni esibita minn **Malcom Zerafa** jirriżulta li reġistrat bħala *substitute*, fost oħrajn kien hemm ċertu Malo Henri Pierre Antoine Parsacau Du Plessix b'effett mill-20 ta' Marzu 2024.

Għaldaqstant b'effett minn dik id-data, ir-responsabbiltà għal ġestjoni tal-lokal kienet daret fuq it-terz imsemmi u ma baqgħetx fuq l-imputat.

Għaldaqstant l-imputat qed jiġi liberat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[1] Xiehda 05.11.24
[2] Xiehda 05.11.24